**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 214/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Michael Mallia)

vs

**Anthony Rapa**

iben Joseph, imwieled San Pawl il-Bahar, fl-4 ta' April, 1969, detentur tal-karta tal-identita' numru 150769(M)

Illum, 27 ta' Frar, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotta kontra l-appellant Anthony Rapa quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli nhar l-1 ta' Novembru, 2001, u f'dati precedenti, gewwa San Pawl il-Bahar, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm50,000.00 bi hsara ta' John Camilleri, u dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu, arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. aktar talli fl-istess cirkostanzi, iffalsifika biljetti tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus falsifikati, u cioe' madwar 2,236 biljett tal-100 Dollaru Amerikan, liema biljetti tal-flus huwa kien jaf li huma falsifikati, u dan bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati, u dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Frar, 2002, fil-Mosta, ikkommetta serq ta' apparat tal-computer, stereo, u oggetti ohra li jiswew aktar minn Lm1,000.00 komplessivament, ghad-detriment ta' Carmel Dimech u s-socjeta' Italmal Ltd, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, u bil-hin, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 263, 267, u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fil-11 ta' Gunju, u f'dati precedenti, f'San Pawl il-Bahar, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe' computer, printer, monitor u keyboard, mehudin b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli kiser il-provvediment dwar sentenzi sospizi, Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Mejju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; tal-Artikoli 3 u 19 tal-

Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati. Illiberatu ukoll mill-effetti tal-addebitu ta' serq. Wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannatu ghal piena karcerarja effettiva ta' tlett (3) snin; Tiskatta wkoll it-tnax(12)-il xahar piena karcerarja sospizi, li ghalihom kien precedentement ikkundannat (vide sentenza folio 34 et seq), u ghalhekk globalment ikkundannatu ghal piena karcerarja effettiva ta' erba'(4) snin. Ikkundannatu ukoll ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal €2,147.66. Ordnat li l-flus dollari kollha ezebiti jghaddu ghand il-Bank Centrali ta' Malta biex jiddisponu minnhom skont il-Ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant Anthony Rapa fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **tirriforma** s-sentenza apppellata u **tirrevokaha** fil-parti fejn sabitu hati ta'ewwel, t-tieni, t-tielet, r-raba, seba u tmien imputazzjoni, (u t-talba ghal l-ispejjez peritali), **tikkonfermaha** fil-parti fejn illiberatu minn l-imputazzjonijiet rigwardanti s-serq, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew alternativament tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena inflitta u timponi piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

> L-appellant umilment jirrileva illi, bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti **ghamlet apprezzament hazin tal-provi** u ma setghet qatt ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrieh, u dan a bazi tal-provi prodotti quddiemha, u cioe xhud wiehed-John Camilleri.
>
> Hu veru li xhud wiehed, jekk emnut hu bizzejjed biex jaghmel prova shiha, pero` fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, tenut kont anke ta' l-emenda rigward korroborazzjoni, li Qorti toqghod fuq tali xhieda la hu *safe* u lanqas *satisfactory* u dan ghal ragunijiet illi se jirrizultaw ahjar minn dan ir-rikors.

Bir-rispett kollu, L-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet wasslet ghall-prova rikjesta mill-ligi u cioe` dik ta' bla dubbju dettat mir-raguni, fuq ix-xhieda ta' persuna illi la huwa kredibbli ghalkemm dejjem piu o meno baqa jsostni l-istess verzjoni, la koerenti, u inoltre car daqs il-kristall illi dak illi qed jghid m'ghandux mis-sewwa.

Meta ddepona l-ewwel darba, Camilleri l-parte civile jsostni illi huwa kien ghamel ftehim forma ta'konvenju bil-fomm ma'l-appellanti fuq Flat bl-isem ta' 'Marouska Flats' f'San Pawl il-Bahar. Huwa jghid illi l-appellant hallsu s-somma ta'tlett-elef u ma hallsu xejn iktar. Ikompli jghid illi darba minnhom avvicinah l-appellant u qallu biex issarafflu xi flus dollari Amerikani, f'Maltin, fl-ammont ta'zewg miljuni. Huwa ma kellux is-somma ndikatata minn l-appellant, u ghalhekk l-appellant proponielu illi jsarrafflu s-somma ta'hamsin elf maltin minflok. Huwa accetta u jirrakonta illi darba minnhom, l-appellant ghaddielu xi flus dollari Amerikani, li huwa raddlu lura tlett sieghat wara, u dan sabiex iserrahlu rasu illi dawn il-flus ma kenux foloz. Isemmi wkoll illi darba minnhom hu u l-appellant iltaqghu gewwa Strada Rjali l-Hamrun, fejn hemmekk l-appellant wera lil Camilleri baskett flus kontanti f'Dollari Amerikani u arma tan-nar bil-kanna. Ftehmu illi s-Sibt ta'wara kellu jsir l-iskambju gewwa GT Court, fejn l-appellant kellu jghaddi lil Camilleri d-dollari Amerikani, filwaqt illi l-iehor kellu jghaddielu l-flus Maltin. Filfatt hekk gara u sar skambju minn wara bieb ta'basement go l-istess blokka ta'appartamenti. **Dak il-hin stess, Camilleri nduna illi l-flus kienu foloz peress illi kien hemm pakketti ta' flus aktar milli kienu ftehmu, u madwar hames xhur wara, mar jirraporta l-akkadut lil Pulizija.**

Illi din id-depozizzjoni xejn ma ghandha mis-sewwa u ghalhekk huwa car illi l-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti quddiemha u dan ghar-ragunijiet segwenti.

Fl-ewwel lok, kif jista' persuna illi ma hallsekx ta'appartament li qed joqghod fih kif qed jallega Camilleri fil-konfronti tal-appellant, umbghad tafdah u ssarraflu somma daqshekk sostanzjali ta'flus? L-parte civile u cioe l-unika xhud tal-prosekuzzjoni, illi a bazi ta'dak illi ddepona huwa l-Qorti sabet htija, fl-ebda hin ma jaghmel kwalunkwe accenn ghal gwadann illi huwa kien se jaghmel minn dan l-iskambju. Ta min jirrileva wkoll illi l-appellant ghadu joqghod fl-appartament imsemmi sal-gurnata tal-llum u cioe ghaxra snin wara. Jekk dak li qed jallega l-parte civile huwa minnu, allura kif lanqas ebda kawza civili, bhal nghidu ahna kawza ta'zgumbrament ma giet intavolata minnu. Filfatt hija stramba wkoll kif anke l-flus dollari Amerikani tajbin, gew ritornati lura lil l-appellant. Allura dan Camilleri, li kwazi jazzarda jghid illi beda jibza' minn l-appellant, ma jaghmel xejn biex jipprova jithallas, xejn xejn sabiex jaqta' minn mieghu?

Huwa ntressanti wkoll l-fatt kif kien l-appellant stess illi ntavola debiti proceduri civili, kif jirrizulta minn l-atti stess, (Fol 79 et seq tal-process) u mhux l-parte civile nnifsu li bghatt biss Ittri Ufficjali f'isem Dove Trading li minn l-atti ma tirrizulta li ghandha ebda konnessjoni mal-istess parte civile.

Anke l-mod kif jispjega l-iskambju tal-flus li sar xejn ma ghandha mis-sewwa u xejn ma hija kredibbli. Filfatt x-xhud jispjega illi l-iskambju tal-flus sar minn taht bieb go *basement.* Kemm hija kredibbli din il-verzjoni, l-aktar fid-dawl l-fatt illi l-istess parte civile jghid illi imbezza' minn l-appellant illi ftit tal-granet qabel kien anke urieh arma tan-nar b'kanna gol baskett bil-flus?

Ta' min jinnota wkoll illi kien biss fuq l-insistenza ta'l-ufficjal prosekutur illi x-xhud Camilleri jiftakar illi kien hemm darba ohra (meta suppost ra l-arma tan-nar gewwa l-Hamrun) illi ra flus dollari Amerikani. Fi kliem iehor bhal donnu jinsa l-incident fejn suppost ra l-arma tan-nar fuq baskett mimli flus dollari u ta' meta allegatament ha xi flus minghand l-appellant biex jivverifika kienux flus tajbin! Bir-rispett kollu, kif setghet din l-Onorabbli Qorti tistrieh fuq xhud bhal dan, li jgerfex u xejn ma huwa kredibbli, u tikkundanna lill-appellanti habs!?

Jigi ulterjorment rilevat illi la darba l-prosekuzzjoni strahet esklussivament fuq il-verzjoni tal-parte civile illi jghid illi sarraf xi flus, allura l-prosekuzzjoni kellha wkoll tiehu d-debiti passi kriminali kontrieh talli sarraf flus meta mhux awtorizzat biex jaghmel dan skond il-ligi peress illi m'ghandhux licenzja. Jew forsi allura, lanqas il-prosekuzzjoni ma kienet konvinta minn dak illi qed jghid il-parte civile!

Konsegwentement huwa car illi l-appellant kellu jigi liberat u jigi umilment sottomess illi nstab hati biss peress illi l-ewwel qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi mressqa mill-prosekuzzjoni.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, a rigward tal-ewwel akkuza jigi rilevat illi anke *dato ma non concesso* li wiehed kellu jemmen illi veru kien l-appellant illi ghadda lil Camilleri l-biljetti tal-flus foloz u dan minhabba impronta digitali wahda appartenenti lil appellant fuq wahda mill-biljetti tal-flus, xorta ma saritx il-prova illi kien minnu illi l-appellant rcieva s-somma ta' hamsin elf Maltin. Il-prova tal-prelevar tas-somma indikata minn gol bank, certament illi mhux l-aqwa prova, l-aktar fid-dawl tal-fatt illi din il-prova ma hijiex korraborata bi kawlunkwe prova ohra. Konsegwentement, certament illi l-ewwel akkuza ta'frodi ma tistax titqies pruvata u ghalhekk l-appellant ghandu jigi liberat minnha.

Illi minghajr pregudizzju ghal aggravji suesposti, l-appellant jilmenta wkoll illi l-piena erogata, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hija esagerata u ghalhekk ghandha tigi riformata, l-aktar fid-dawl tal-fatt illi fis-sistema gudizzjarja taghna dejjem jinghata importanza lil aspett riformattiv.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-uniku lanjanza vventilata mill-appellant fl-appell minnu intentat huwa marbut mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti rigward il-fattispecje koncernanti t-transazzjoni bil-flus foloz ta' dollari Amerikani maghmul minnu mal-parti leza John Camilleri. Ma jidhirx illi qed jigi ikkontestat is-sejbien ta' htija ghar-reat ta' ricettazzjoni u dan meta l-appellant gie misjub fil-pussess ta' apparat elettroniku konsistenti f'kompjuter monitor u accessorji ohra misruqa mis-socjeta' Italmal Machinery Limited.

Illi kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik

il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi[1]. Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami approfondit tal-atti biex tara jekk id-decizjoni tal-Ewwel Qorti kenetx ben fondata fuq ir-rizultanzi processwali.

Issa mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti fatti:

1. L-appellant kien dahal fi ftehim mal-parti leza John Camilleri sabiex jigi akkwistat appartament gewwa San Pawl il-Bahar ghal prezz ta' Lm18,000. Minn dan il-prezz l-appellant hallas l-ammont ta' Lm3000, ghalkemm konvenju ma sarx u l-bilanc kellu jithallas mal-kuntratt ta' kompro-vendita. L-appellant beda jokkupa dan l-appartament minnufih.
2. Il-pagament tal-bilanc baqa' ma sarx ghalkemm ghaddew 'il fuq minn tlett snin mill-ftehim.
3. Fis-sena 2001 il-pulizija jibaghtu ghal Camilleri sabiex jigi mitkellem peress illi kien hemm suspett li dan l-appartament kien qed jintuza ghal skopijiet ta' prostituzzjoni. Minn hawn Camilleri jibda jinsisti mal-appellant biex il-bejgh jigi iffinalizzat.
4. Skont Camilleri, ghal habta ta' Ottubru tas-sena 2001, l-appellant infurmah illi huwa seta ihallas il-bilanc rimanenti biss f'dollari Amerikani.
5. Camilleri jaccetta, izda qabel jitlob lill-appellant biex jaghmel verifika dwar l-awtenticita' tal-flus u l-appellant ighaddielu $100, li Camilleri jivverifika li kienet genwina.
6. Camilleri ghalhekk jaccetta li jithallas f'dollari Amerikani. L-appellant jitolbu ukoll sabiex isarraflu zewg miljun dollari fi flus maltin, izda Camilleri ighidlu li ma kellux dik is-somma kollha u li seta' isarraflu biss l-ammont ta' Lm50,000.

[1] (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn )

7. Camilleri jiltaqa' mal-appellant il-Hamrun meta l-appellant jurih fil-karozza li kien fiha, baskett mimli flus f'dollari u arma tan-nar. Camilleri jibza' meta jara din l-arma u jitlaq 'il hemm.
8. Camilleri imur jigbed il-flus mill-bank u ghall-ahhar ta Ottubru tas-sena 2001, jiltaqa' mal-appellant f' San Pawl il-Bahar u precisament fil-basement ta' blokk appartamenti appartenenti lil Camilleri meta sar l-iskambju tal-pakketti tal-flus. Camilleri jaghti lill-appellant is-somma ta' Lm50,000 u l-appellant ighaddielu 'garbage bag' bil-flus f'dollari Amerikani.
9. Camilleri jiftah il-pakkett tal-flus u jigih suspett hazin. Fil-fatt min ezami tal-flus li jaghmel jirrizultalu li dawn huma foloz billi hafna minnhom ghandhom l-istess numru serjali.
10. Camilleri jirrikorri ghand l-avukat tal-fiducja tieghu u jipprova jiltaqa' mal-appellant sabiex jitolbu jaghtih flusu lura, izda l-appellant jichad illi huwa qatt ghaddielu xi flus foloz u jinsisti mieghu biex jersaq ghal kuntratt ta' kompro-vendita.
11. Camilleri jaghmel rapport lill-pulizija li jirrikorru il-garaxx fejn Camilleri ighid li halla l-baskett tal-flus u dan jigi elevat. Tigi varata inkjesta magisterjali u jigu nominati diversi esperti sabiex isiru l-ezamijiet forensici fuq dawn il-flus.
12. Illi fuq id-Dokument 02BDS NH4, li hija wahda mill-karti tal-$100 elevati tinstab impronta digitali wahda appartenenti lill-appellant, u cioe' dik tas-subgha il-kbir tal-id il-leminija[2].
13. L-imputat ghazel li ma jixhidx u fl-istqarrija rilaxxjata minnu u esebieta a fol. 32 tal-process huwa ghazel li ma iwiegeb ghall-ebda wahda mill-mistoqsijiet li isirulu. Madanakollu din l-istqarrija giet rilaxxjata lura fis-sena 2002 meta l-appellant ma kellux il-jedd ikun assistit minn avukat u allura din il-Qorti lanqas ser tiehu konjizzjoni taghha u ta' kwalunkwe dikjarazzjoni li seta' ghamel lill-pulizija tul l-investigazzjonijiet.

[2] Rapport tal-espert Ivan Portelli Dokument JP afol.235 et seq.

14. Illi mir-rapport tal-espert Dr. Martin Bajada jirrizulta illi l-flus kollha f'denominazzjoni ta' $100 f' Federal Reserve Notes elevati mill-pulizija f'*garbage bag* sewda mill-garaxx tal-parti leza kienu kollha foloz.

Issa l-appellant fl-appell minnu intentat jipprova ixejjen ix-xiehda moghtija mill-parti leza John Camilleri u dan meta ix-xhud xehed mhux inqas minn erba' darbiet tul il-proceduri. Jikkontendi illi l-parti leza qieghed jivvinta meta jallega illi kien l-appellant li ghaddielu l-flus foloz liema flus Camilleri ighaddi lill-pulizija minn gewwa l-garaxx tieghu. Issa huwa fatt mhux ikkontestat illi l-appellant u l-parti leza kienu jafu lil xulxin ghal diversi snin tant illi Camilleri kien ghamel negozju iktar minn darba mal-appellant dwar bejgh ta' proprjeta'. Fil-fatt jidher li din l-istorja bdiet meta Camilleri ghogbu jittrasferixxi appartament proprjeta tieghu lill-appellant li ghalkemm hallas depozitu ghall-akkwist tieghu, madanakollu baqa' ma hallasx il-bilanc rimanenti, ghalkemm beda' jabita fl-appartament minnufih. Camilleri jallega imbaghad li meta beda jinsisti mal-appellant sabiex ihallsu, dan offrielu l-hlas permezz ta' dollari Amerikani li wara irrizultaw li kienu foloz. L-appellant jichad dan ghalkemm ma joffriex ix-xhieda tieghu fil-qorti.

Illi minn ezami tal-atti processwali madanakollu l-Qorti ghandha quddiemha biss il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Camilleri. Biex tissostanzja dina l-verzjoni l-prosekuzzjoni tressaq provi cirkostanzjali li jindikaw il-veracita ta' dak li jallega l-imsemmi Camilleri. Ibda biex fuq wahda mill-karti tal-$100 foloz, tinsab l-impronti digitali tal-appellant. Kif allura jispjega dan il-fatt l-appellant? Prova wahda f'dan ir-rigward ma iressaqx sabiex b'hekk allura din il-Qorti ghandha quddiemha evidenza cara illi l-appellant zgur kellu fil-pussess tieghu din il-karta tal-flus u li giet misjuba flimkien mal-flus l-ohra foloz li kien hemm fil-*garbage bag*. Din allura issahhah il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Camilleri li kien l-appellant li ghaddielu l-basket tal-plastik kontenenti dawn il-flus foloz. Illi Camilleri isostni illi huwa kien irtira mill-bank

is-somma ta' Lm50,000. Prova ta' dan hemm diversi *withdrawal slips* mahruga mill-bank minn fejn jirrizulta illi Camilleri u bintu kienu gibdu dan l-ammont ta' flus.

Illi l-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk: "*Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra l-ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti*", regola li ghandha tapplika bl-istess qies ghal Prosekuzzjoni kif ukoll ghad difiza, b'dan ghalhekk illi ghalkemm l-persuna akkuzata ghandha id-dritt ghas-silenzju u mhi obbligata tipprova xejn, madanakollu l-akkuzat irid jipprova dak allegat minnu <u>sal-grad tal-probabbli</u> u jekk dan il-grad tal-prova ma jilhqux allura jkun qed ixejjen dak minnu allegat. L-appellant fil-fatt ma iressaq l-ebda prova sabiex isostni dak allegat minnu u cioe' illi ma kienx hu l-persuna li ghadda il-basket tal-flus foloz lill-appellant u li huwa kien hallas lill-appellant ghall-akkwist tal-appartament bi flus f'denominazzjoni ta' liri maltin. Ricevuta sabiex tipprova din l-allegazzjoni qatt ma tingieb. Allura bix-xiehda tal-parti leza u l-provi l-ohra cirkostanzjali li hemm fl-atti, l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha u cioe' illi l-appellant holoq xenarju fejn gieghel lil parti leza temmnu li kien ser jithallas ghal appartament li kien ser jakkwista minn ghandu, imbaghad hallsu bi flus li kien jaf li kienu foloz tant illi hafna minnhom kellha in-numru serjali ripetut. Mhux biss izda igieghlu isarraf dawn il-flus dollari Amerikani fi flus Maltin meta kif inghad kien jaf li ma kenux genwini.

Illi jifdal biex jigi trattat l-aggravju marbut mal-piena inflitta ta' tlett snin prigunerija. Illi ghandu jinghad illi l-piena inflitta hija wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi applikabbli fiz-zmien li gew kommessi ir-reat billi il-piena ghar-reat tal-frodi zdiedet mis-sena 2002, u bl-artikolu 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta ghalkemm jigi abrogat permezz tal-Att XLIK tal-2016, madanakollu jigi trasferit ghal Kodici Kriminali fl-artikoli 188B u 188C tieghu, bil-pieni jibqghu invarjati. L-appellant instab hati ukoll li huwa recediv u li kiser il-provvedimenti tal-artikolu 28A Kodici Kriminali meta gie ikkundannat jiskonta il-piena ta' tnax-il xahar prigunerija li kienu sospizi ghal zmien

sentejn u dan b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-07 ta' Settembru 2000. Dan ifisser illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghar-reati kollha li dwarhom l-appellant instab hati, u dan b'applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali, hija wahda li tqarreb lejn il-minimu taghha. Hija il-fehma ta din il-Qorti allura li l-piena erogata ma ghandhiex tigi varjata tenut kont tal-fatt illi l-ammont tal-flus involut fil-kummissjoni tar-reat huwa wiehed sostanzjali.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur